# L-AĦBAR

PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU, MALTA. No. 108 20.1.2006



***Ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet fil-Porziuncola ta' VIII Ċentinarju ta' l-approvazzjoni tar-Regola .***



## F'DIN IL-ĦARĠA TA' L-AĦBAR

*Fra Paul Attard jikteb dwar l-esperjenza tiegħu ta' l-irtir mat-Trappisti f'Ruma, filwaqt li Fra Ġużepp Beneditt Xuereb jikteb dwar l-esperjenza riċenti tiegħu man-noviżżi f'Assisi. F'Ruma, huwa ltaqa' mal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI.* Ara paġni 8 - 11.

# General Definitory - December 2005

The General Definitory celebrated the “tempo forte” corresponding to this month from the 19th to 22nd December. The following were among the matters dealt with:

1.**A day of formation and reflection for the Definitory.** The Definitory, with Br. Massimo Fusarelli, of the GSFS, and Br. Valentino Menegatti, of the Procuration Office, dedicated the 19th to self-formation. The topics on which they reflected were those of “Vocational Fidelity” and “Abandonments”. We had Don Francesco Cereda, a Salesian, entrusted with formation in his own Congregation, as a speaker during the morning. The Vicar and Procurator General, together with the Secretary of Procuration, offered and commented on the data on abandonments in the afternoon. The Definitors agreed to bring a summary of these reflections to the Provinces and Conferences. The Definitory General, together with the new Provincials, will reflect on the topic of lay brothers during the “tempo forte” of January.

**2. Fraternal Visits.** The Minister General and Br. Mario Favretto reported on the visit made to Guinea Bissau on the occasion of the erection of the new Custody of St. Francis, dependent on the Province of Venice; Br. Mario Favretto reported on the fraternal visit to Albania.

**3. Communications.** The Minister reported on the last meeting of the Conference of the Franciscan Family; the Minister General and the Vicar General spoke about the Assembly of the Union of Superiors General; Br. Ambrose Van Si reported on his visit to the Foundation of Myanmar; Br. Massimo Fusarelli reported on the work carried out by the Executive Committee for Formation and Studies.

**4. Reports on Canonical Visitation.** The Definitory carefully examined and approved the reports on the Canonical Visitations and celebrations of Provincial Chapters of the following Entities: Saints Francis and James (Jalisco), in Mexico; Most Holy Trinity, in Chile; and The VII Joys, in Brazil.

**5. Evaluations.** The Definitory, using the information received from the Minister General and Br. Vincenzo Brocanelli, Moderator for Missionary Evangelisation, evaluated the recent course for missionaries held in our Fraternity of Brussels, in which, for the first time, Conventuals and Capuchins participated. The evaluation was very positive and it was decided to continue with this experience. The Definitory also evaluated the meetings of the Minister and his Definitory with the Slav Conferences and with UFME.

**6. Finances.** The Definitory, after careful examination, approved the budgets of the houses dependent on the Minister General for the year 2006.

**7. The next course for missionaries in Brussels.** The next course for missionaries, in the French language, will be held in January and February 2006. It will be inter-obediential.

**8. The suppression of a Custody.** Having carefully examined the petition of the Custodial Chapter of St. Joseph and of the Provincial Chapter of the Province of the Most Holy Trinity, the General Definitory approved the suppression of the Custody of St. Joseph in Chile, previously dependent on the Province of the Most

Holy Trinity, in Chile.

**9. The Chapter of Mats of the Houses Dependent on the Minister General.** The General Definitory agreed on the following with regard to the Chapter of Mats of the Houses Dependent on the Minister General:
• The Chapter will be held in the Salesianum (Rome) from the evening of the 16th to the evening 18th of March 2007.
• The topics for reflection are: The decisions of the Extraordinary General Chapter 2006 and the Fraternal Life Project.
• A delegate from each of the Houses dependent on the Minister General which are outside Rome – Brussels, Istanbul and Waterford – will participate.

**10. Interpretation of the General Statutes.** As the period for which a Minister Provincial who has been in office without a vacancy for 9 years can be postulated is not specified in the Codex of Canon Law or in our Legislation, the General Definitory decided, after consulting the Juridical Commission and following the normal practice of the Roman Curia, that postulation can only be made for three years, without the possibility of further postulation unless there has been a vacancy of 3 years.

**11. Formation.** The Definitory approved the following in the area of formation:
• The organisation of a course for formators in the Italian language on "Human Maturity". The course will take place in Frascati from 8th to 27th October 2006.
• The celebration of an International Congress for Moderators of On-Going Formation to be held in Assisi from the 13th to 28th October 2007. The Congress will try to study deeply the methodology and pedagogy of On-Going Formation and to draw up some pedagogical instruments for it.
• The Definitory also approved the celebration of the International Council for Formation and Studies to be held in Nairobi from the 5th to 15th February 2007.

**12. International Council of Evangelisation.** The Definitory approved the celebration of the next International Council for Evangelisation, from the 13th to 21st February 2006, which will deal with the topic of "Memory and Prophecy in the Missionary Institutions and in Evangelisation".

**13. The International Council of JPIC.** The Definitory approved the next International Council of JPIC to be held in Brazil from the 10th to 12th February 2006. The Council will endeavour to draw up lines of action for the animation of JPIC.

**14. Folders.** The General Definitory examined and responded to about 50 matters which required the intervention of the General Definitory since the previous "tempo forte".

I, on behalf of the General Definitory, wish you all a Happy Christmas and a New Year full of Peace and Good.

BR. SANDRO OVEREND RIGILLO, OFM
Secretary General

# PATRIJIET MINURI (O.F.M.), 2006

**Qegħdin nippublikaw il-lista ta' l-Aħwa kollha tal-Provinċja kif bdejna s-sena 2006. Il-lista hija alfabetika u tiġbor 73franġiskan, inklużi ż-żewġ isqfijiet.**

**1. Abela** John (*b.*John), *n.* 31.08.1954 Rabat (*d.*Malta), *f.*Carmelo & Victoria Micallef, *v.*03.10.1971, *pt.* 01.10.1972, *ps.* 22.08.1976, *s.* 07.07.1979.
**2. Aquilina** Camillus (*b.*Joseph Mary), *n.* 15.01.1919 Valletta (*d.*Malta), *f.*John & Michelina Mifsud, *v.*11.10.1936, *pt.* 12.10.1937, *ps.* 06.01.1941, *s.* 06.04.1946.
**3. Aquilina** George (*b.*Marianus), *n.* 18.07.1939 Qormi (*d.*Malta), *f.*Joseph & Rosaria Saliba, *v.*09.10.1955, *pt.* 14.10.1956, *ps.* 31.07.1960, *s.* 14.03.1964.
**4. Attard** Paul (*b.*Paul), *n.* 15.03.1961 Rabat (*d.*Malta), *f.*Cathaldus & Maria Dolores Saliba, *v.*02.10.1977, *pt.* 01.10.1978, *ps.* 04.09.1983, *s.* 07.07.1985.
**5. Azzopardi** Arthur (*b.*Paul), *n.* 19.02.1923 Sliema (*d.*Malta), *f.*Arthur & Carmen Pace, *v.*3.10.1937, *pt.* 21.02.1939, *ps.* 01.11.1944, *s.* 13.03.1948.
**6. Azzopardi** John (*b.*John), *n.* 07.10.1945 Gzira (*d.*Malta), *f.*Anthony & Mary Grima, *v.*09.10.1960, *pt.* 10.10.1961, *ps.* 15.01.1967, *s.* 15.03.1970.
**7. Bonello** Joseph (*b.*Joseph), *n.* 04.04.1961 Xaghra (*d.*Gozo), *f.*Victor & Nazzarena Sultana, *v.*02.10.1977, *pt.* 01.10.1978, *ps.* 28.08.1983, *s.* 07.07.1985.
**8. Borg** Alexander (*b.*Alexander), *n.* 16.10.1955 Sliema (*d.*Malta), *f.*Paul & M'anne Calleja, *v.*05.10.1975, *pt.* 26.09.1976, *ps.* 05.09.1981, *s.* 10.07.1983.
**9. Briffa** Anthony (*b.*Anthony), *n.* 07.06.1960 Hamrun (*d.*Malta), *f.*Anthony & Pauline Sant, *v.*30.09.1978, *pt.* 07.10.1979, *ps.* 17.09.1984, *s.* 11.07.1986.
**10. Bugeja** George (*b.*George), *n.* 01.07.1962 Xaghra (*d.*Gozo), *f.*Emmanuel & Mary Attard, *v.*02.10.1977, *pt.* 01.10.1978, *ps.* 28.08.1983, *s.* 05.07.1986.
**11. Cachia** Adrian (*b.*Joseph), *n.* 08.01.1946 Rabat (*d.*Malta), *f.*Saviour & Carmen Azzopardi, *v.*23.09.1962, *pt.* 24.11.1963, *ps.* 08.12.1971, *s.* 19.03.1972.
**12. Camilleri** Joseph (*b.*Joseph), *n.* 23.04.1940 Rabat (*d.*Malta), *f.*Paul & Carmela Attard, *v.*13.10.1957, *pt.* 14.10.1958, *ps.* 15.10.1961, *s.* 11.03.1967.
**13. Camilleri** Raymond (*b.*Michael Paul), *n.* 04.07.1948 Hamrun (*d.*Malta), *f.*John & Marianne Az zopardi, *v.*22.09.1963, *pt.* 27.09.1964, *ps.* 20.07.1969, *s.* 18.07.1971.
**14. Camilleri** Robert (*b.*Patrick), *n.* 24.04.1951 Hamrun (*d.*Malta), *f.*John & Marianne Azzopardi, *v.*20.10.1967, *pt.* 01.11.1968, *ps.* 08.12.1972, *s.* 29.06.1975, *e.*15.08.2001.
**15. Camilleri** Sebastian (*b.*Emmanuel), *n.* 31.12.1921 Hamrun (*d.*Malta), *f.*Carmelo & Angela Gatt, *v.*01.11.1967, *pt.* 02.11.1968, *ps.* 02.11.1969, *s.* 23.03.1947.
**16. Camilleri** Victor (*b.*Joseph Mary), *n.* 18.11.1944 Hamrun (*d.*Malta), *f.*Philip & Joelle Bugeja, *v.*27.09.1959, *pt.* 20.11.1960, *ps.* 08.12.1965, *s.* 21.03.1969.
**17. Caruana** Joseph (*b.*Joseph), *n.* 18.10.1953 Rabat (*d.*Malta), *f.*Carmelo & Pauline Fsadni, *v.*03.10.1971, *pt.* 01.10.1972, *ps.* 22.08.1976, *s.* 07.07.1979.
**18. Cassar** Henry (*b.*Joseph), *n.* 16.02.1924 Msida (*d.*Malta), *f.*Francis Xavier & Mariastella Sammut, *v.*15.10.1939, *pt.* 20.10.1940, *ps.* 29.04.1945, *s.* 11.06.1949.
**19. Chircop** Anthony (*b.*Anthony), *n.* 03.04.1961 Rabat (*d.*Malta), *f.*Christiano & Rita Ciappara, *v.*02.10.1977, *pt.* 01.10.1978, *ps.* 04.09.1983, *s.* 07.07.1985.
**20. Ciantar** Leonardus (*b.*Leonardus), *n.* 27.06.1970 Marsa (*d.*Malta), *f.*John & Carmela Ciantar, *v.*19.09.1988, *pt.* 17.09.1989, *ps.* 01.10.1995.
**21. Ciappara** Joseph, *n.* 14.02.1984, (*d.*Malta), *f.* Anthony & Polly Borg, *v.* 02.09.2005
**22. Ciantar** Mark (*b.*Mark), *n.* 08.01.1970 Attard (*d.*Malta), *f.*Joseph & Joan Incardona, *v.*19.09.1988, *pt.* 17.09.1989, *ps.* 02.10.1994, *s.* 05.07.1996.
**23. Coleiro** Martin (*b.*Martin), *n.* 09.11.1962 S. Venera (*d.*Malta), *f.*Francis & Rita Mifsud, *v.*30.09.1978, *pt.* 07.10.1979, *ps.* 17.09.1984, *s.* 01.09.1986.

**24. Debono** Joseph (*b.*Joseph), *n.* 07.04.1957 Ghajnsielem (*d.*Gozo), *f.*Saviour & Marianne Camilleri, *v.*01.10.1978, *pt.* 05.10.1980, *ps.* 15.10.1995.
**25. Diacono** Charles (*b.*Charles), *n.* 07.05.1948 Marsa (*d.*Malta), *f.*Emmanuel & Rosaria Caruana, *v.*26.09.1965, *pt.* 02.10.1966, *ps.* 06.01.1970, *s.* 20.07.1974.
**26. Ellul Vincenti** Norbert (*b.*Edwin), *m.* , *n.* 27.06.1937 Gzira (*d.*Malta), *f.*Carmelo & Carmelina Damato, *v.*27.09.1953, *pt.* 02.10.1954, *ps.* 28.06.1958, *s.* 12.03.1960.
**27. Enriquez** Mark (*b.*Carmelo), *n.* 08.05.1940 Valletta (*d.*Malta), *f.*Hugh & Adelina Micallef, *v.*27.09.1959, *pt.* 28.09.1960, *ps.* 08.12.1964, *s.* 22.03.1969.
**28. Falzon** Angelo (*b.*Angelo), *n.* 15.10.1957 Naxxar (*d.*Malta), *f.*Peter & Carmen Agius, *v.*26.09.1976, *pt.* 02.10.1977, *ps.* 10.10.1982, *s.* 29.06.1984.
**29. Falzon** Raymond (*b.*Raymond), *n.* 27.05.1959 Rabat (*d.*Malta), *f.*Anthony & Josephine Vella, *v.*05.10.1975, *pt.* 26.09.1976, *ps.* 05.09.1981, *s.* 10.07.1983.
**30. Farrugia** Anton (*b.*Anton), *n.* 22.10.1971 Attard (*d.*Malta), *f.*Joseph & Fransina Pisani, *v.*22.09.1989, *pt.* 17.09.1990, *ps.* 17.09.1996, *s.* 12.07.1998.
**31. Farrugia** Christopher (*b.*Christopher), *n.* 17.11.1959 Sliema (*d.*Malta), *f.*Joseph & Lynette Mifsud, *v.*06.10.1979, *pt.* 05.10.1980, *ps.* 08.12.1985, *s.* 10.07.1987.
**32. Farrugia** Pierre (*b.*Pierre), *n.* 08.06.1973 Toronto (*d.*Toronto), *f.*Victor & Carmela Buttigieg, *v.*17.09.1998, *pt.* 19.09.1999, *ps.* 05.06.2004, *s.*24.06.2005.
**33. Galea** Benjamin (*b.*Carmelo), *n.* 16.09.1916 Valletta (*d.*Malta), *f.*Carmelo & Antonia Psaila, *v.*26.08.1932, *pt.* 27.08.1933, *ps.* 24.10.1937, *s.* 18.05.1940.
**34. Galea** Cherubin (*b.*Ramirus), *n.* 06.01.1932 Ghajnsielem (*d.*Gozo), *f.*Saviour & Michelina Spiteri, *v.*24.09.1950, *pt.* 30.09.1951, *ps.* 14.11.1954, *s.* 02.04.1960.
**35. Galea** Paul (*b.*Paul), *n.* 27.02.1950 Rabat (*d.*Malta), *f.*Vincent & Anastasia Muscat, *v.*02.10.1966, *pt.* 08.10.1967, *ps.* 08.10.1972, *s.* 03.07.1976.
**36. Gauci** Bartholomew (*b.*Carmel), *n.* 07.07.1947 Gharghur (*d.*Malta), *f.*Bartholomew & M Concetta Fenech, *v.*23.09.1962, *pt.* 24.09.1963, *ps.* 02.02.1969, *s.* 14.03.1971.
**37. Ghirlando** Marcello (*b.*Marcello), *n.* 12.04.1962 Sliema (*d.*Malta), *f.*Dionisius & Carmen Borda, *v.*30.09.1978, *pt.* 07.10.1979, *ps.* 17.09.1984, *s.* 05.07.1986.
**38. Grech** Charles (*b.*Charles), *n.* 09.01.1962 Salford (*d.*Salford), *f.*Michael & M'bridget Mc Grath, *v.*30.08.1984, *pt.* 07.09.1985, *ps.* 03.12.198, *s.*12.07.2002.
**39. Grech** Richard Stanley (*b.*Richard Stanley), *n.* 28.10.1955 Rabat (*d.*Malta), *f.*Paul & Mary Vella, *v.*22.10.1972, *pt.* 14.10.1973, *ps.* 08.12.1976, *s.* 25.08.1979.
**40. Magro** Joseph (*b.*Joseph), *n.* 11.03.1975 Pietá (*d.*Malta), *f.*Joseph & Pauline Camilleri, *v.*13.09.1995, *pt.* 15.09.1996, *ps.* 15.09.2000,*s.*12.07.2002.
**41. Magro** Stephen (*b.*Stephen), *n.* 13.09.1963 Pieta (*d.*Malta), *f.*Albert & Michelina Formosa, *v.*22.09.1989, *pt.* 17.09.1990, *ps.* 01.10.1995.
**42. Magro** Sylvester (*b.*Carmelo), *n.* 14.02.1941 Rabat (*d.*Malta), *f.*Emmanuel & Dolores Bonello, *v.*12.10.1957, *pt.* 13.10.1958, *ps.* 18.03.1962, *s.* 26.03.1966, *e.* 11.05.1997.
**43. Meilak** Peter Paul (*b.*Joseph), *n.* 29.12.1921 Nadur (*d.*Gozo), *f.*Francis & Carmen Mizzi, *v.*21.09.1941, *pt.* 27.09.1942, *ps.* 01.11.1945, *s.* 11.06.1949.
**44. Micallef** Albert (*b.*Albert), *n.* 24.08.1950 Rabat (*d.*Malta), *f.*Sebastian & Joanne Tonna, *v.*02.10.1966, *pt.* 08.10.1967, *ps.* 08.10.1972, *s.* 03.07.1976.
**45. Micallef** Gabriel (*b.*Stephen), *n.* 24.03.1944 St Lawrence (*d.*Gozo), *f.*Joseph & Mary Apap, *v.*09.10.1960, *pt.* 10.10.1961, *ps.* 01.05.1965, *s.* 22.03.1969.
**46. Micallef** Godfrey (*b.*Anthony), *n.* 19.12.1931 Rabat (*d.*Malta), *f.*Francis & Vincenza Camilleri, *v.*19.09.1948, *pt.* 25.09.1949, *ps.* 28.12.1952, *s.* 06.04.1957.
**47. Micallef** John (*b.*Joseph), *n.* 11.12.1931 St Venera (*d.*Malta), *f.*Vincent & Adelina Barbara, *v.*30.09.1947, *pt.* 02.10.1948, *ps.* 28.12.1952, *s.* 06.04.1957.
**48. Micallef** Marcellino (*b.*Marcellino), *n.* 04.12.1958 Rabat (*d.*Malta), *f.*John & Catherine Schembri, *v.*26.09.1976, *pt.* 02.10.1977, *ps.* 10.10.1982, *s.* 29.06.1984.
**49. Mintoff** Dionisius (*b.*Paul), *n.* 01.04.1931 Cospicua (*d.*Malta), *f.*Lawrence & M'concetta Farrugia, *v.*16.09.1945, *pt.* 08.04.1947, *ps.* 01.11.1952, *s.* 07.08.1955.
**50. Muscat** John (*b.*John), *n.* 19.04.1962 Qormi (*d.*Malta), *f.*Emmanuel & Filomena Spiteri, *v.*06.10.1979, *pt.* 05.10.1980, *ps.* 08.12.1985, *s.* 10.07.1987.

**51.** **Muscat** Noel (*b.*Noel) , *n.* 03.12.1957 Floriana (*d.*Malta), *f.*Carmel & Carmen Buttigieg, *v.*26.09.1976, *pt.* 02.10.1977, *ps.* 12.09.1982, *s.* 29.06.1984.
**52.** **Overend** Sandro (*b.*Sandro), *n.* 31.01.1959 Sliema (*d.*Malta), *f.*Edwin & Vincenza Rigillo, *v.*26.09.1976, *pt.* 02.10.1977, *ps.* 12.09.1982, *s.* 29.06.1984.
**53.** **Pace** Edward (*b.*Edward), *n.* 13.08.1945 Sliema (*d.*Malta), *f.*Carmel & M'stella Lambertini, *v.*09.10.1960, *pt.* 10.10.1961, *ps.* 02.04.1967, *s.* 15.03.1970.
**54.** **Sammut** Julian (*b.*Julian), *n.* 14.11.1957 St Julians (*d.*Malta), *f.*Carmelo & Catherine Briffa, *v.*05.10.1975, *pt.* 26.09.1976, *ps.* 23.08.1981, *s.* 10.07.1983.
**55.** **Sant** Bernardino (*b.*Joseph), *n.* 19.06.1930 Mosta (*d.*Malta), *f.*Anthony & Carmen Vella, *v.*24.07.1951, *pt.* 02.10.1952, *ps.* 30.10.1955.
**56.** **Schembri** Guido (*b.*Joseph), *n.* 29.09.1923 Sliema (*d.*Malta), *f.*Paul & Maria Dolores Gatt, *v.*09.10.1938, *pt.* 15.10.1939, *ps.* 01.11.1944, *s.* 13.03.1948.
**57.** **Schranz** John Evangelist (*b.*Anthony), *n.* 28.11.1921 Sliema (*d.*Malta), *f.*John & Josephine Grungo, *v.*06.10.1940, *pt.* 12.10.1941, *ps.* 01.11.1944, *s.* 11.06.1949.
**58.** **Sciberras** Alfred (*b.*Alfred), *n.* 01.12.1937 Zebbug (*d.*Malta), *f.*Saviour & Annunziata Camilleri, *v.*13.10.1957, *pt.* 14.10.1958, *ps.* 15.10.1961, *s.* 11.03.1967.
**59.** **Sciberras** Stephen (*b.*Stephen), *n.* 01.11.1969 Hamrun (*d.*Malta), *f.*Paul & Maria Costa, *v.*19.09.1988, *pt.* 17.09.1989, *ps.* 01.10.1995, *s.* 05.07.1996.
**60.** **Scicluna** Raymond (*b.*Raymond), *n.* 17.12.1958 Sliema (*d.*Malta), *f.*Emmanuel & Salvina Puli, *v.*05.10.1975, *pt.* 26.09.1976, *ps.* 05.09.1981, *s.* 10.07.1983.
**61.** **Sciortino** Justin (*b.*Francis), *n.* 27.07.1943 Valletta (*d.*Malta), *f.*Philip & Rita Mizzi, *v.*28.09.1958, *pt.* 04.10.1959, *ps.* 08.12.1964, *s.* 11.03.1967.
**62.** **Tabone** Alfred (*b.*Alfred), *n.* 07.02.1934 Valletta (*d.*Malta), *f.*Edward & Rose Portelli, *v.*1 7.09.1949, *pt.* 25.09.1950, *ps.* 20.03.1955, *s.* 14.03.1959.
**63.** **Tonna** Charles (*b.*Emmanuel), *n.* 17.12.1935 Rabat (*d.*Malta), *f.*Charles & Antonia Borg, *v.*26.09.1954, *pt.* 09.10.1955, *ps.* 28.12.1958, *s.* 07.04.1962.
**64.** **Tonna** Ivo (*b.*Robert), *n.* 19.11.1926 Sliema (*d.*Malta), *f.*Edward & Olga Papagiorcopulo, *v.*08.09.1943, *pt.* 10.09.1944, *ps.* 28.12.1947, *s.* 05.08.1951.
**65.** **Vassallo** Walter, n. 21.03.1981 B'Kara (*d.*Malta), *f.* Charles & Josephine Grech, *v.* 02.09.2005
**66.** **Vella** Anthony (*b.*Anthony), *n.* 04.08.1926 Valletta (*d.*Malta), *f.*Spiridione & Helen Privitera, *v.*08.09.1943, *pt.* 10.09.1944, *ps.* 28.12.1947, *s.* 05.08.1951.
**67.** **Vella** Joseph (*b.*Joseph), *n.* 04.07.1933 Sliema (*d.*Malta), *f.*Joseph & Carmen Calleja, *v.*25.09.1949, *pt.* 01.10.1950, *ps.* 14.11.1954, *s.* 14.03.1959.
**68.** **Wickman** Charles (*b.*Charles), *n.* 15.03.1929 Senglea (*d.*Malta), *f.*Carmel & Fortunata Micallef, *v.*30.09.1947, *pt.* 02.10.1948, *ps.* 28.10.1951, *s.* 29.07.1956.
**69.** **Xuereb** Joseph Benedict (*b.*Peter Paul), *n.* 01.07.1935 Gharghur (*d.*Malta), *f.*Agostino & Carmela Azzopardi, *v.*30.09.1951, *pt.* 02.10.1952, *ps.* 12.08.1956, *s.* 12.03.1960, *e.*, *d.*, *p.*068.
**70.** **Zammit** Edward (*b.*Michael), *n.* 14.08.1942 Mgarr (*d.*Malta), *f.*John & Bartholomea Grima, *v.*28.09.1958, *pt.* 04.10.1959, *ps.* 06.10.1963, *s.* 11.03.1967.
**71.** **Zammit** Jimmy (*b.*Jimmy), *n.* 11.08.1955 Toronto (*d.*Toronto), *f.*Joseph & Matilda Farrugia, *v.*14.10.1973, *pt.* 02.10.1974, *ps.* 05.11.1978, *s.* 13.06.1981.
**72.** **Zerafa** Loreto (*b.*Loreto), *n.* 02.04.1974 Victoria (*d.*Gozo), *f.*Michael & Emmanuela Curmi, *v.*13.09.1995, *pt.* 15.09.1996, *ps.* 13.06.2000.

*b.*=nom. bapt.; *n.*=nativi.; *d.*=dioecesi; *f.*=pater & mater;
*v.*=novitiatus; *pt.*=prof.temp.; *ps.*=prof.sol.; *s.*=sacerd.; *e.*=episc.



*Things don't change. You change your way of looking. That's all.*

*Carlos Castaneda*

**PROVINĊJA FRANĠISKANA SAN PAWL APPOSTLU - MALTA**

Prot. 05012\124

# ĊIRKULARI

## XEWQAT GĦALL-MILIED VERU

Għeżież Ħuti,

Wasal Milied ieħor, u bħala Ministru Provinċjal huwa dmir tiegħi li nikteb kelma ta' xewqat tajba. Ġeneralment tkun kelma miktuba fuq ħsibijiet mibnija fuq il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Din is-sena, jiena nħoss li l-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni irid ifakkarna fil-bidla kbira li seħħet fil-ħajja tal-bniedem, meta l-istess Ħallieq ta' kollox, ħa n-natura ta' bniedem u għammar fostna l-bnedmin. Huwa l-Misteru li kontinwament jibqa' jsejjaħ lill-bniedem g ħal bidla fil-ħajja, ħajja meħlusa mill-konsegwenzi tad-dnub.

Iżda l-esperjenza tal-ħajja tgħallimna, li l-bniedem mhux daqshekk faċli li jeħles għal kollox mill-konsegwenzi tad-dnub. Ħafna drabi jiġi Milied u jgħaddi, bla ma jħalli ebda bidla. Dan narawh fid-dinja ta' madwarna u anke fil-ħajja tagħna bħala aħwa franġiskani. Matul din is-sena, aħna għexna żewġ mumenti mportanti u qawwija fil-ħajja tal-Provinċja, il-Kapitlu Provinċjali Intermedjarju u ż-Żjara Fraterna tal-Ministru Ġeneral. Kienu mumenti fejn permezz ta' ħajja fraterna u ta' kelma qawwija, Kristu kompla jurina l-ħtieġa tal-bidla fl-imġieba ta' ħajjitna. Iżda jkollna nammettu li ħafna drabi xi wħud minna ma jħossux il-bżonn tal-bidla. Xhieda ta' dan biżżejjed inħarsu lejn l-attendenza fqira fl-irtiri tas-sena u f'kull attivita' tal-Provinċja, il-ħarba mill-ħajja fraterna, in-nuqqas ta' disponibilta', ħeġġa u fedelta' lejn servizzi fi ħdan il-Provinċja, in-nuqqas ta' veru spirtu ta' faqar, in-nuqqas ta' mogħdrija u umanita' bejnietna stess, in-nuqqas ta' żjajjar lill-ħutna morda u anzjani. Dawn huma realtajiet li ma jistgħux jawguraw futur sabiħ.

Quddiem sitwazzjonijiet bħal dawn, ma nixtieqx li jiġi Milied u jgħaddi bla ma' j ħalli ebda bidla fl-imġieba tagħna. Fis-snin li ġejjin se nkunu qegħdin inħejju ruħna għaċ-ċ elebrazzjonijiet mill-approvazzjoni tar-Regula tal-Patrijiet Minuri. Intom tafu li l-qofol ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet huwa li niġġeddu fil-vera ħajja franġiskana. Għalhekk l-awguri tiegħi huma li lkoll flimkien nitolbu lil Ġesu Bambin biex iwassalna nħossu l-bżonn tat-tiġdid fl-imġieba tagħna u li nkunu ta' kuraġġ u għajnuna għal xulxin. Ħuti nibqgħu ċerti li dan ikun l-isbaħ rigal li nistgħu noffru lil Ġesu Bambin u lil xulxin. Insellmilkom, inroddilkom ħajr tal-ħidma kollha tagħkom u jalla l-ispirtu veru tal-Milied jibqa' magħna tul is-sena l-ġdida kollha. Il-Mulej jagħtikom is-sliem!

Maħruġa mill-Kurja Provinċjaliżja
Il-Belt Valletta
Illum, 12 ta' Diċembru 2005

Fra Paul Galea, ofm
Ministru Provinċjal

Fra Marcellino Micallef, ofm
Segretarju tal-Provinċja

***Teachers are those who use themselves as bridges, over which they invite their students to cross, then having facilitated their crossing, joyfully collapse, encouringing them to create bridges of their own.*** Nikos Kazantzakis

# TIĠDID TAS-SAĊERDOZJU TIEGĦI

Fra Paul Attard, ofm

Fil-ħarġa tal-Leħen is-Sewwa tat-3 ta' Diċembru deher dan l-avviż "Esperjenza ta' Talb" – Post: Komunita' Trappista, Ruma.

F'Settembru li għadda kelli xorti kbira li nagħmel esperjenza ta' Talb mat-Trappisti, f'Ruma.

Meta qrajt l-avviż ħassejtni mbuttat biex nikteb dwar l-esperjenza biex nagħti glorja lil Alla.

### IRTIR F'MONASTERU TAT-TRAPPISTI

Qabel ma **Charles Davis** ħalla l-Knisja, kiteb artiklu fuq ir-rivista ***"AMERICA"***. Qal hekk: *"Wara l-Konċilju Vatikan II, kont entużjast biex nara l-Knisja ti ġġedded u tbiddel l-istrutturi. Bdejt nippriedka lil udjenza numeruża quddiemi dwar it-teoloġija ġdida ta' Vatikan II u dwar l-aġġornament u r-riforma. Pero', ntbaħt li dawk l-uċuħ ċassi quddiemi ma kienux jistennew teoloġija ġdida, imma kienu qed ifittxu 'l Alla! Ma' kienux qed iħarsu lejja bħala teologu imma bħala Saċerdot biex inwasslilhom lil Alla. Kienu bil-ġuħ għal Alla. Imbagħad dħalt daħla fija nnifsi u b'diqa kbira ntbaħt li jien ma stajtx noffrilhom lil dan Alla, għax bilkemm kont nafu jien stess!! Kelli vojt f'qalbi. U iktar ma' kont mehdi bir-riforma pastorali tal-knisja, iktar bdejt nitbiegħed minn Alla, biex nevita li niġi wiċċ imb'wiċċ ma dak il-vojt ta qalbi."*

Wara li qrajt dan l-artiklu nistqarr li jiena wkoll, f'dawn l-20 sena bħala Saċerdot kelli waqtiet fejn irra ġunajt b'dan il-mod u għaddejt minn esperjenzi simili. Iżda llum intbaħt li l-merħla mhijiex interessata fit-talenti tiegħi, u l-anqas fil-ħidma pastorali tiegħi. Imma turini biċ-ċar li mingħandi jistennew li nwasslilhom l-esperjenza personali t'Alla f'ħajti; li nkun xhud tiegħU; u li jarawH fija. Hu, l-uniku wieħ ed li jaqta' l-għatx! Niżbalja jekk nipprova nwassal lili nnifsi. Inkun imqarraq jekk dak li nagħmel nagħ mlu għal glorja tiegħi!

Kien il-Mulej innifsu li din is-sena ried idewwaqni grazzji kbar u tiġdid fis-saċerdozju tiegħi permezz ta' IRTIR mhux tas-soltu. Irtir f'Monasteru, f'Ruma. Irtir li bdejtu b'artiklu nteressanti ħafna ta' Bruno Forte, "Lettera sulla Preghiera": *"Perche' pregare?"* Ti rispondo: *"Per vivere"*. *"E chi non prega? E' a rischio di morire dentro, perche' gli manca l'aria per respirare, il calore per vivere, la luce per vedere, il nutrimento per crescere e la gioia per dare un senso alla vita."*

Il-Ġiżwita **Anthony de Mello** fil-ktieb tiegħu: ***"Contact with God"*** – Retreat Conferences, jgħid hekk: *"A retreat is possibly the most "apostolic" thing an apostle can do. There is, paradoxically, nothing more necessary for the apostle than that he withdraw to the desert, that he spend prolonged hours in **"listening"**, not just talking, that he expose himself to God and get his spiritual batteries charged before he offers the light to men. In prayer the apostle presents himself before God so that God may give him what He wishes him to give to others."*



### IRRID NIĠĠEDDED

Il-Knisja għaddejja minn żmien ta' kaos u kriżi. Pero' dan jista' jkun sinjal pożittiv. Il-Kriżi fiha nnifisha hija ***"challenge"*** biex tikber. F'dan il-kaos hemm jimraħ l-Ispirtu t'Alla. Il-Knisja għandha bżonn ta' persuni mimlija bl-Ispirtu s-Santu. Għalhekk, bħal appostli jeħtiġilna li kull tant żmien nitwarrbu fis-skiet taċ-Ċenaklu, nistennew Pentecoste. San Ġwann tas-Salib jgħid li wieħed jirċievi mingħand Alla skond kemm jistenna li jirċievi mingħandu. Jekk jistenna ftit, jirċievi ftit. Jekk jistenna ħafna, jirċievi ħafna!

Fil-Monasteru tat-Trappisti ġewwa Frattocchie, ftit 'il barra minn Ruma, iltqajt ma' Monaċi li huma verament mimlija bl-Ispirtu s-Santu.

## IS-SILENZJU U S-SOLITUDNI TAL-MONAĊI

Il-Monaku jgħaddi ħajtu kollha moħbija fis-skiet u l-ħemda tal-Monasteru, jitlob u joffri lilu nnifsu għal ħutu l-bnedmin li ma jafhomx u li lanqas biss ma jafu lilu. Waħdu jiswa għad-dinja aktar mis-setagħna kollha li jmexxuha. Vokazzjoni bħal din fil-Klawsura hija ħajja moħbija bħall-għeruq li jinżlu 'l isfel fid-dlam ta' taħt l-art. Il-Knisja viżibbli titmantna u tieħu l-forza minn dawn l-aħwa. Huma l-*"power station" tal-knisja.*

*"Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott."* (Ġw.12,25). Kull ċaħda li ssir minn dawn il-monaċi fis-skiet u s-solitudni, għall-imħabba t'Alla tfisser ruħ mogħtija lill-Missier għal eternita'. *"X'teżor kbir huma l-komunitajiet ta' ħajja kontemplattiva għall-Knisja u għas-Soċjeta' kollha kemm hi."* (Ġwanni Pawlu II).

> *Irrid inżid fil-ħeġġa tiegħi biex nosserva r-regola aktar bir-reqqa.*
> *Irrid nipprattika is-silenzju, is-sawm, is-sahra fit-talb u x-xogħol manwali.*
> *Irrid ngħasses tajjeb biex inżomm lil ġismi qaddis u l-kliem tiegħi safi.*
> *Irrid ninfatam mill-affarijiet tad-dinja biex insib il-paċi.*

Ġesu' għandu bżonn ta' bnedmin kontemplattivi li jħallu lin-nar ta' l-imħabba t'Alla jiddi minn ġo fihom. Id-dinja hija bierda u tinsab fid-dlam spiritwali għax m'hemmx in-nar ta' l-imħabba t'Alla. L-erwieħ jinsabu bla ħajja għax qed jgħixu fid-dlam tad-dnub.

## DOQT IL-VERU FERĦ

L-istorbju ta' Via Appia Nuova li minn Ruma twasslek għal Castel Gandolfo (ir-residenza tas-sajf tal-Papiet), tgħaddi żbrixx mal-ħajt għoli u misterjuż tal-Monasteru ta' Frattocchie fejn lil hinn minnu, il-ħajja donna tieqaf, u l-ġenn u l-istorbju ta' barra jinbidel f'serenita' u paċi.

Il-weraq aħdar tad-dwieli mifrux bħal tapit madwar dal-post sagru, iserraħlek għajnejk u l-menti. L-għenba b'saħħitha kienet lesta biex fix-xahar ta' Settembru, il-Monaċi jagħsruha u jiġbruha fi fliexken. Inbid imfittex minn bosta Taljani u oħrajn. Għax huwa l-inbid tal-patri! Dan hu l-għixien ta' dawn l-irġiel li għażlu dan l-imkien biex fih jitqaddsu. *"Imbierek int Alla tal-ħolqien kollu, għax fi tjubitek tajtna dan l-inbid li qed noffrulek, frott ta' l-art u xogħol il-bniedem li minnu jsir għalina x-xorb tar-ruħ".* Fil-jiem ta' l-irtir, fis-skiet u s-solitudni, dawn il-monaċi m'għamlu xejn għajr sqewni dan l-inbid bnin, dan ix-xorb tar-ruħ. Lilek li qed taqra nawguralek li int ukoll tmissek din ix-xorti f'ħajtek.

Kif xrift 'il ġewwa mill-kanċell tal-ġnien, ġbidt il-ħabel twil tal-qanpiena mdendla mal-Foresteria (id-dar ta' l-Irtiri). Ħareġ Fra Guseppe, monaku irqajjaq, b'leħja mqita u xagħru mqaxxar. Ħadli l-bagalja u tellagħha iż-żewġ sulari. Ħallieni bla nifs. Sakemm tlajna fuq kien diġa qalli l-programm kollu, tani ċ-ċwievet, u tani kamra sempliċi li tagħti għall-ġnien tal-Monasteru. Kien simpatiku. Qalli li l-Foresteria kienet isservi ta' mistrieħ għall-Papiet fi triqthom lejn Castel Gandolfo li jinsab tefa' ta' ġebla l-bogħod.

Ma kontx waħdi. Mill-Brażil kien hemm Fra Paolo li ġie biex jiddixxerni jekk jordnax Saċerdot jew Djaknu Permanenti. Mill-Congo kien hemm Andrea, ġuvni ta' 31 sena li ftit xhur qabel kien iddeċieda jħalli l-ħajja monastika u issa qed jistudja t-teoloġija fi Strasburg. Mill-Albanija kien hemm Giovanni, Musulman ta' 23 sena mimli enerġija, u li kien għadu kemm irċieva s-sagrament tal-Magħmudija ġimgħatejn qabel. U Michele, anzjan Taljan bi storja ta' diżappunti kbar u dipressjoni qawwija. Minn Sardenja kien hemm koppja li ġew iżuru lit-Trappist Fra Mario, ħu r-raġel, li ilu f'dak il-monasteru 50 sena! Konna familja internazzjonali. Ħaġa waħda kellna komuni bejnietna. Ilkoll morna biex nistkennu għad-dell tal-ħitan għoljin ta' dak il-Monasteru biex fis-skiet niddixxernu u nimtlew bl-Ispirtu.

Xi borboni kienu jsibu l-kenn għall-lejl fil-ġnien. U f'kamra isfel kien hemm Marokkin li kien għadu kemm skonta sentenza l-ħabs fuq droga.

## ĦALLEWLI MPRESSJONI

L-ewwel laqgħa li kelli kienet ma' l-Abbate Spanjol Dom Gonzalo Maria Fernandez, persuna akkoljenti ħafna, umli u intelliġenti. Ma tax kas tal-ħin fil-laqgħa ta' bejnietna. L-individwu huwa iktar prezzjuż mill-ħin. Apprezzajt ħafna l-mod ta kif fassalli l-irtir tal-ġimgħa u qalli li Fr.Loris, il-mastru tan-novizzi kien ser jgħaddili l-kelma ta' Alla. Fr.Loris huwa istruwit ħafna u apparti li huwa intelliġentissimu, huwa mimli bl-imħabba ta' Alla u huwa

bniedem spiritwali ħafna. Kienet ġimgħa intensa ħafna għalija. It-Talb, il-Lectio Divina, is-Silenzju, il-Kontemplazzjoni, l-Imħabba, kienu t-temi prinċipali, flimkien ma' ħafna materjal ieħor li sellifni matul dik il-ġimgħa biex naqra u nirrifletti. Ma niftakarx kemm-il siegħa għamilt għad-dell tad-dwieli fil-kampanja tagħhom!



### FRA ĠORĠ MARIA GRECH HUWA L-UNIKU TRAPPIST MALTI (GĦAWDXI)

Fiċ-ċimiterju ta' dan il-monasteru hemm żewġ Monaċi Maltin midfunin. Żewġ lapidi bl-isem ta' Fra Kurradu u Fra Pawl jindikaw li dawn mietu fis-snin sebgħinijiet. Illum, mir-Rabat Għawdex hemm Fra Ġorġ Maria Grech ta' 49 sena. Libes iċ-ċoqqa tat-Trappisti fl-1988. Fil-passat għadda xi żmien bħala emigrant ġewwa l-Canada, u lura Malta fetaħ ħanut ġewwa ta' Qali. Il-pjanijiet tiegħu għall-futur kollha fallew. Huwa stess jgħid li meta wasal il-waqt, Alla għamel il-miraklu miegħu. Sejjaħlu biex isir Trappista u jibda avventura ta' mħabba miegħU. Illum, 18 il-sena wara, huwa bniedem mibdul. Lil Alla tah kollox. U Alla dewwqu l-ferħ ġenwin. Ma jiddispjaċihx mill-għażla li għamel u jgħid li kieku kellu mitt qalb kien jikkonsagrahom kollha lil Alla. Lili għamilni nħobb iktar il-figura ta' Marija li tieħu ħsieb il-vokazzjoni tagħna.

### X'GĦALLIMNI FRA ĠORĠ MARIA

Minn kliemu u minn kitbietu, jien tgħallimt li jien bħala Patri :

1. Ma rridx inħalli l-ħeġġa tiegħi tmur lura.
2. Irrid inżid fil-ħeġġa tiegħi biex nosserva r-regola aktar bir-reqqa.
3. Irrid nipprattika is-silenzju, is-sawm, is-sahra fit-talb u x-xogħol manwali.
4. Irrid ngħasses tajjeb biex inżomm lil ġismi qaddis u l-kliem tiegħi safi.
5. Irrid ninfatam mill-affarijiet tad-dinja biex insib il-paċi.

Bħal inċens li jinħaraq fuq l-artal t'Alla għall-glorja tiegħu, il-ħajja tiegħi ta' Patri għandha tkun bħal fwieħa l-aktar ħelwa li ssaffi l-arja ħażina ta' l-indifferenza u tal-mibegħda f'din l-art, u tibdilha f'barka.

Għallimni li l-imħabba ma taf bl-ebda ostaklu. L-imħabba taqsam kull ħajt, tibqa' għaddejja minn fuq kull muntanja, tasal f'kull rokna tad-dinja; għax kull min jogħla 'l fuq bl-imħabba, jerfa' miegħu l-umanita' kollha kemm hi.

Fra Ġorġ għażel li jgħix ħajja moħbija bħal għeruq tas-siġra, moħbija taħt l-art imma essenzjali biex is-siġra tibqa' ħajja. Fis-skiet tal-moħba tiegħu, flimkien ma' ħutu, huwa jitlob għad-dinja biex tissaffa u tiġġedded. Għalih dan hu biżżejjed.

### DAN KIEN IR-RIGAL WARA 20 SENA SAĊERDOT

Inrodd ħajr lil Mulej tas-sejħa li għamilli tant snin ilu.

Kuljum irrid inġedded l-"iva" tiegħi.

Il-Monaċi għallmuni l-arti ta' kif nieqaf u nisma' l-leħen tal-Mulej.

Tgħallimt illi kull kriżi li ngħaddu minnha aħna, il-knisja u s-soċjeta' huwa sinjal pożittiv, għax tgħinna niġġeddu. Il-Kriżi fiha nnifisha hija ***"challenge"*** biex tikber.

Tgħallimt li jekk fuq kollox ma titgħallimx l-arti tat-TALB, tkun qed tirriskja li tmut ftit ftit minn ġewwa.

GRAZZI MULEJ ta' din l-esperjenza unika li fiha ċċarġjajtli l-batterija spiritwali.

# ESPERJENZI TA' FERĦ

Ġużepp Beneditt Xuereb, OFM

Fil-bidu ta' Diċembru mort għal ftit jiem ta' mistrieħ Ruma; kelli bżonnhom. Fl-Antonianum ġeddidt ħafna memorji sbieħ. ltqajt ma' ħafna patrijiet li kienu hemm snin ilu, u ma' oħrajn ġodda. Issa li l-Ateneo Antoniaum sar Universita', inbidlu ħafna affarijiet mindu tlaqt jien. Ħadt gost ukoll niltaqa' mar-Rettur il-ġdid, Johannes Battista Freyer, Ġermaniż, sieħeb Noel Muscat.

Mort Assisi nżur lin-Novizzi tagħna, Walter u Joseph. It-tnejn jinsabu tajbin u kuntenti. Inserixxew ruħhom ħafna fl-ambjent il-ġdid, u jmorru tajjeb kemm man-Novizzi l-oħra, kif ukoll mal-fraternita'. Tkellimt ukoll mal-Mastru u faħħar ħafna l-imġieba tagħhom.

Fil-fraternita' hemm aħwa minn diversi kulturi tal-Italja, u dan jgħinhom ukoll. Barra dan, ikollhom lezzjonijiet regolari dwar ħafna aspetti tal-ħajja fran ġiskana, kif jitolbu l-Istatuti Ġenerali u r-Ratio Formationis. It-tnejn jieħdu interess u jiktbu noti dwar dak kollu li jisimgħu. Kollox ma' kollox din hi esperjenza pożittiva ħafna għ alihom. Għandhom ħinijiet twal ta' talb. Jiddedikaw ukoll ħin għax-xogħol, skond il-bżonn.

Il-kunvent kbir li hemm wara s-Santwarju ta' San Damiano, qajla tinduna bih malajr x'ħin tmur iżżur dan il-post qaddis. Bħalissa qed isir ħafna xogħol, għax għadhom isewwu l-ħsarat tat-terremot. Isellu għall-Aħwa kollha u jitolbu għalina.

Iltqajt ukoll ma' Patri Sandro Overend, is-Segretarju Ġenerali tal-Ordni. Qattajt nofs ta' nhar miegħu fil-Kurja u żammni niekol hemm. Il-Ministru Ġeneral kien għadu kemm telaq iżur xi Provinċja. Er ġajt iltqajt miegħu fis-Santwarju tad-Divino Amore. Imur iqaddes hemm fid-9,00 am kull nhar ta' Ħadd. Sandro wkoll iselli għal kulħadd.

Is-Sibt, 10 ta' Diċembru, mort il-Vatikan biex nieħu sehem fl-Udjenza li l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI kellu mar-reliġjużi u persuni kkonsagrati li jaħdmu fid-Djoċesi ta' Ruma. Dawn huma 23,000 soru, 4,500 reli ġjużi rġiel, 30 monasteru tal-Klawsura, u ħ afna membri oħra ta' ħajja konsagrata. Kmieni s-sala kienet kważi mimlija.

Jien wasalt 11,15 am. Tlajt 'il quddiem kemm stajt. Fid-daqqa u l-ħin, wieħed mill-Monsinjuri li kienu fuq il-palk għ ajjat lili u lill-Patri Dumnikan. Qalilna: "Ulied San Franġisk u San Duminku: ejjew fil-filliera ta' quddiemnett. Imbagħad, wara li jtemm id-diskors, itilgħu sellmu lill-Papa!"

Inħallikom taħsbu x'ferħ ħassejt dak il-ħin. Kont wieħed mill-ftit OFM, u mill-Universita' "Antonianum", żgur l-uniku wieħ ed! Tlajt it-tielet wieħed. Kienet esperjenza li nibqa' niftkarha xejn inqas mill-oħra ta' meta l-Papa Ġwanni Pawlu II ħasilli riġlejja f'Ħamis ix-Xirka 1994.

Is-Sibt fil-għaxija, imbagħad, fil-Bażilika ta' Sant'Antnin kien hemm ordinazzjoni saċerdotali ta' patri żagħżugħ mill-Vjetnam, Fra Giuseppe Vu Ilen Minh, ofm. Ordnah Mons. Rodolfo Cetoloni, OFM. Konna provinċjali flimkien, u ħadna gost naraw lil xulxin wara tant snin.









# Milied 2005

**Fil-ġranet tal-Milied saru żewġ parties tal-Milied organizzati mill-Provinċja. L-ewwel wieħed għall-Aħwa sar fil-kunvent tal-Belt u l-ieħor għall-familjari ta' l-Aħwa li sar f'Porziuncola Retreat House, Baħar iċ-Ċagħaq.**





# L-EPIFANIJA TAL-MULEJ GĦAND IL-KLARISSI

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Jannar 2006, il-Provinċja, kif inhi d-drawwa għal aktar minn tletin sena organizzat il-festa ta' l-Epifanija tal-Mulej għand l-Aħwa Sorijiet Klarissi. Saret quddiesa konċlebrata u mmexxija mill-Ministru Provinċjal Fra Paul Galea, ofm. Fl-omelija tiegħu huwa saħaq fuq il-ħarsien tar-Regola biex inkunu verament dawl għall-oħrajn, kemm fil-komunita' u barra mill-kunvent. Fi tmiem il-quddiesa, il-Ministru Provinċjal ippreżenta ċensier u sasla lill-Badessa Rose Therese Ellis, li hija wkoll waslet messaġġ lill-aħwa preżenti. Wara l-quddiesa saret bibita flimkien fil-









Ktieb ta' Fra Anton Farrugia, ofm

# Il-Ħobż tal-Ħajja

Minn żmien għall-ieħor joħorġu kotba li jispjegaw id-diversi partijiet li flimkien jagħmlu l-quddiesa. L-aħħar publikazzjoni bil-Malti dwar dan is-suġġett hi: Il-Ħobż tal-Ħajja: l-Ewkaristija fil-Ħajja Nisranija, miktub minn Fra Anton Farrugia, ofm u ppublikat minn CAK.

Il-ktieb jiġbor fih numru ta' kitbiet li Fra Anton ippubblika Ħadd wara l-ieħor fil-fuljett 'Jum il-Mulej', li f'diversi parroċċi madwar Malta juntuża kull nhar ta' Ħadd biex jgħin lill-kongregazzjoni ssegwi l-liturġija pass wara ieħor.

Pass wara pass, fl-ispjega tad-diversi simboliżmi wara d-diversi riti (dak tal-bidu, dak tal-liturġija, dak ta' l-Ewkaristija, dak tat-tqarbin, u dak ta' l-għeluq), l-awtur juri kif il-kongregazzjoni tista' tifhem il-moħħ u l-qalb ta' Ġesu' waqt li tirrepeti dak li għamel Hu u fl-istess ħin twieġeb għall-kmand tiegħu lill-appostli.

L-ispjega tfittex kif tinseġ it-tifsira tas-simboliżmi man-narrazzjoni storika ta' kif tevolvi r-rit/l-att partikulari tul iż-żminijiet fit-trasmissjoni tat-tradizzjoni appostolika għall-knisja ta' llum. Il-kuntest storiku, jew aħjar it-taqsimiet ewlenin fit-tiswir tal-liturġija Ewkaristika minn żmien l-appostli sal-Konċilju Vatikan II huwa spjegat fil-qosor fid-daħla. Fi ftit kliem, u b'mod sempliċi u li jinftiehem minn kulħadd, l-awtur iwieġeb mistoqsijiet dwar il-kif, u l-għaliex tad-diversi sezzjonijiet li jiffurmaw il-quddiesa b'mod li l-qarrej, hekk kif jifhem aħjar dak li jkun qed isir fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-ikla tal-Mulej, fi kliem l-istess Fra Anton Farrugia, ma jibqax jisma l-quddies, iżda jibda jieħu sehem fiha.

Jiktbu n-Noviżżi minn Assisi

# Is-Sena tan-Novizzjat

Insellmu lill-Provinċja kollha mis-santwarju ta' San Damjan, il-post tant għażiż għalina l-franġiskani, il-post tal-konverżjoni tal-Missier tagħna Franġisku.

Iż-żmien għaddej ġmielu. Hawnhekk il-ħin ma tarahx għaddej. Għall-grazzja ta' Alla sejrin tajjeb u drajna wkoll. Għal bidu sibnieha xi ftit diffiċli għax bħala post differenti minn Malta, kemm il-kliema, kif ukoll il-kultura. Imma issa drajna sew.

Bażikament il-ġurnata hija mqasma bejn talb, lezzjonijiet u xogħol. Il-ħinijiet tat-talb huma twal mhux ħażin u huma verament mument ta' grazzja. Mis-6.30 a.m. Sat-8.00 a.m. ikollna l-Uffiċċju tal-Qari, u wara flimkien man-nies ikollna fil-knisja ċ-ċelebrazzjoni tat-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u l-quddiesa. Fil-12.15 p.m. Nitolbu t-Talba ta' Nofs il-Jum. Mill-5.00 p.m. Sas-7.00 p.m. ikollna sagħtejn skiet għar-riflessjoni u talb personali. Mis-7.00 p.m. sa' 8.00 p.m. flimkien man-nies nitolbu t-talba ta' l-Għasar quddiem Ġesu' fl-Ewkaristija. Huwa verament mument ta' grazzja li għandna dan il-ħin kollu għat-talb. Huwa ta' għajnuna kbira.

Il-lezzjonijiet ta' formazzjoni jiffukaw fuq il-franġiskaneżmu, jiġifieri l-istorja ta' l-Ordni, il-Kitbiet ta' San Franġisk u Santa Klara, il-Bijografiji tal-qaddisin franġiskani, ir-Regola, u l-ispiritwalita' franġiskana. Għandna x-xorti li xi wħud mill-kitbiet, fosthom it-Twissijiet qed jagħmilhom Fra Giovanni Boccali, OFM, studjuż kbir kemm fil-qasam Bibbliku, kif ukoll franġiskan. Għandna wkoll lezzjonijiet fuq it-talb u aktar 'il quddiem se jkollna dwar il-voti.

Rigward ix-xogħol, ġeneralment nagħmlu dak li hu bżonjuż, bħal fil-ġnien, l-għalqa, ġbarna l-ġewż u issa dalwaqt nibdew niġbru ż-żebbuġ. Ġieli jkollna t-tindif, imma dak ġeneralment nagħmluh nhar ta' sibt filgħodu. Insomma bħal kull kunvent ieħor, ix-xogħol qatt ma jonqos. Barra minn hekk hemm ukoll servizzi ta' kuljum bħar-refitorju, il-platti, tindif ta' l-imwejjed, ħasil tas-santwarju u xogħol ieħor. Kollu xogħol li jsir fi gruppi u għal-

hekk wieħed jieħu pjaċir jagħmlu.

Nagħlqu din l-ittra billi nsemmu l-Ministru Ġeneral. Kellna aktar minn okkazjoni waħda fejn iltqajna miegħu. Meta huwa ġie San Damjan, propju l-għada li temm il-viżita fraterna f'Malta. Ġie biex jagħti bidu għall-pellegrinaġġ tas-salib ta' San Damjan. Waslilna t-tislijiet tagħkom. Darb'oħra ltqajna miegħu meta ta bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' VIII ċentinarju ta' l-approvazzjoni tar-Regola. Kienet ċelebrazzjoni emozzjonanti għall-aħħar. Dakinhar tana kull wieħed salib żgħir ta' San Damjan. Konna ħafna patrijiet, fejn il-Ministru Ġeneral stess stqarr li ma kienx qed jistenna dik il-parteċipazzjoni ta' tant aħwa! Kienet ukoll okkażjoni fejn iltqajna aktar minn darba ma' ħutna l-maltin, Fra Ġwann Abela u Fra Sandro Overend, kif ukoll man-novizzi ta' Sqallija u l-Ministru Provinċjal tagħhom, fejn jibagħtu t-tislijiet tagħhom.

Ma baqalna xejn aktar x'ngħidulkom ħlief li nħeġġukom titolbu għalina. Aħna minn naħa tagħna nwegħdukom li t-talb tagħna għalikom ma jonqosx.

Fra Walter Vassallo
Fra Jospeh Ciappara

THE SUNDAY TIMES 25th Dicember 2005



For Hal Far Peace Lab... in appreciation

# informazzjoni

**TISTRIEĦ FIL-MULEJ**
Nhar it-Tlieta, 3 ta' Jannar, Mary Azzopardi, omm Fra Ġwann ingħaqdet mal-Mulej fil-ħajja ta' dejjem. Il-funeral tagħha sar il-Ħamis, 5 ta' Jannar fil-parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu l-Gżira.

**ITTRI TA' RINGRAZZJAMENT**
Il-Ministru Provinċjal irċieva żewġ ittri ta' ringrazzjament għas-servizz li Fra Sebastian Camilleri qed jagħti bħala Direttur Spiritwali fl-iskola ta' St. Benild f'Tas-Sliema u anke fil-Presidium tal-Leġjun ta' Marija. Fl-ittra ta' ringrazzjament, il-kap ta' l-iskola qalet hekk: "He did all this with a lot of love and concern for the boys for which we are all grateful".

**ĦUTNA MORDA**
Infakkru li fid-Dar tal-Little Sisters of the Poor, il-Ħamrun hemm Fra Charles Wickman. Filwaqt li Fra Gwido Schembri, Fra Turu Azzopardi u Fra Nerik Cassar jinsabu fid-Dar tal-Kleru. Nitolbu għalihom u nżuruhom.

The big question is whether you are going to be able to say a hearty yes to your adventure.

## 125 SENA TAL-FRANĠISKANI F'TAS-SLIEMA

Il-Ministru Provinċjal Fra Paul Galea, kiteb ittra lill-aħwa patrijiet tal-komunita' ta' Tas-Sliema, kif ukoll lill-parruċċani tal-parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-sena ċentinarja - 125 sena tal-preżenza tal-franġiskani f'Tas-Sliema. Il-messaġġ tal-Ministru Provinċjal se jiġi ppublikat fil-ħarġa ta' Frar 2005, flimkien mad-dettalji tal-programm ta' ċelebrazzjonijiet li qegħdin jsiru.

## FESTI U BIRTHDAYS

### JANNAR

| | |
|---|---|
| 7 Fra Karlu Tonna | 7 Fra Kerubin Galea |
| 8 Fra Arturu Azzopardi | 8 Fra Adrian J. Cachia |
| 16 Fra Marcello Ghirlando | Fra Mark Ciantar |
| 20 Fra Sebastian Camilleri | 9 Fra Charles Grech |
| 27 Fra Julian Sammut | 15 Fra Kamillu Aquilina |
| | 31 Fra Sandro Overend |

### F R A R

| | |
|---|---|
| 7. Fra Richard S. Grech | 7 Fra Alfred Tabone |
| 10. Fra Pawl Galea | 14 Mons. S. Magro |
| Fra Paul Attard | 16 Fra Nerik Cassar |
| | 19 Fra Arturu Azzopardi |

# Awguri u Xewqat Sbieħ!

## Direttorju Ġdid

Is-Segretarju tal-Provinċja, Fra Marcellino Micallef għadu kemm ħejja Direttorju Ġdid għall-Provinċja. Kopja tiegħu se jinbagħat lil kull fraternita' biex jiġi kkoreġut qabel ma' jiġi stampat.

## Gwardjan Ġdid

Id-Definitorju Provinċjali ħatar lil Fra George Bugeja, OFM bħala l-gwardjan il-ġdid tal-fraternita' ta' Tas-Sliema, wara r-riżenja ta' Fra Stephen Magro minn gwardjan għal raġunijiet ta' saħħa. Huwa se jaqdi l-uffiċċji ta' gwardjan u kappillan tal-parroċċa.

## F' DIN IL-ĦARĠA

*Jannar 2006*


| | |
|---|---|
| Mid-Definitorju Ġenerali | 2 |
| Patrijiet Minuri (OFM) 2006 | 4 |
| Ċirkulari tal-Ministru Provinċjal | 7 |
| Tiġdid tas-Saċerdozju tiegħi | 8 |
| Esperjenzi ta' ferħ | 11 |
| Fraternitas | 12 |
| Milied 2005 | 16 |
| L-Epifanija tal-Mulej għand il-Klarissi | 17 |
| Ktieb ġdid ta' Fra Anton Farrugia | 18 |
| Is-Sena tan-Novizzjat | 18 |



# L-AĦBAR

## EDITUR

*fra marcellino micallef ofm*
*provofm@vol.net.mt*

Kunvent Tal-Frangiskani
291, Triq San Pawl,
Valletta VLT 07

Tel. 21238218 Fax. 21231266